MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 655/2009

**ST Microelectronics (Malta) Ltd**

**Vs**

**Daniel Mercieca**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-7 ta' Lulju 2009, l-attrici ppremettiet:

*1. Illi l-intimat li huwa ingineer fil-professjoni kien jahdem fuq linji tal-produzzjoni fil-fabbrika tas-socjeta' attrici maghrufa bhal PBGA Lines u TQFP Oprical lines, u linji ohra f'Hal Kirkop bhala Manager inkarigat mill-produzzjoni tal-prodotti manufatturati mill-kumpanija;*

*2. Illi fil-produzzjoni tal-prodotti manufatturati mill-kumpanija jintuza d-deheb. Illi l-process ta' produzzjoni jiggenera ammont ta' scrap ta' deheb ta' valur konsiderevoli li jigi rkuprat mill-kumpanija mill-area tal-produzzjoni sabiex jinbiegh halli jigi riciklat;*

*3. Illi minn investigazzjonijiet li ghamlet is-socjeta' rikorrenti u anki minn investigazzjonijiet ohra li ghamlet ukoll is-socjeta' KPMG AG Forensic ta' l-Isvizzera inkarigata mis-socjeta' rikorrenti, ricentement gie skopert li l-intimat meta kien jahdem fuq il-linji ta' produzzjoni msemmija fil-perijodu fis-snin 2002, 2003 u 2004 kien jisraq u jew jimmissaproprija ammonti sostanzjali ta' scrap tad-deheb;*

*4. Illi kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza mill-investigazzjonijiet li ghamlet is-socjeta' rikorrenti u anki minn investigazzjonijiet li ghamlet is-socjeta' KPMG AG Forensic ta' l-Isvizzera inkarigata mis-socjeta' rikorrenti rrizulta li l-intimat seraq u jew immisappropria 10.58 (ghaxra punt tminja u hamsin) kilogrammi ta' scrap tad-deheb li l-valur taghhom f'Ottubru 2004 kien jammonta ghal US$ 149,601 (mija u disgha u erbghin elf, sitt mija u wiehed dollar ital-Istati Uniti tal-Amerika) u cioe' 10.58 kilo ta' scrap ta' deheb multiplikat bl-ammont ta' US$14,140 (prezz ta' kull kilo ta' scrap ta' deheb f'dak iz-zmien) liema somma hija ekwivalenti bir-rata tal-kambju ta' Ottubru 2004 ghal €120,164 (mija u ghoxrin elf, mija u erbgha u sittin euro), u dank if ukoll jirrizulta mir-rapport u stimi tal-awdituri KPMG AG Forensic ta' l-Isvizzera (Dok X) anness;*

*5. Illi l-intimat ammetta li huwa kkommetta s-serq u jew misappropriazzjoni msemmija, izda mhux fl-ammont li huwa stmat li huwa seraq u jew immisappropria;*

*6. Illi l-intimat kien ibiegh lil terzi l-iscrap tad-deheb minnu misruq u jew misapproprijat;*

*7. Illi b'konsegwenza ta' dan is-serq u jew misaproprijazzjoni s-socjeta' rikorrenti sofriet danni fl-ammont ta' €120,164 (mija u ghoxrin elf, mija u erbgha u sittin euro) ekwivalenti bir-rata tal-kambju ta' Ottubru 2004 ghal US$ 149,601 (mija u disgha u erbghin elf, sitt mija u wiehed dollari ta' l-Istati Uniti tal-Amerika) bhala valur ta' 10.58 (ghaxra punt tminja u hamsin) kilogrammi ta' scrap ta' deheb minnu misruq u jew misapproprijat u dan skond kif*

*gie stability minn stima maghmula mis-socjeta' estera KPMG Forensic AG skond ir-rapport anness gia msemmi u market Dokument X;*

*8. Illi l-intimat ghadu ma halasx id-danni li huwa kkaguni lis-societa' rikorrenti;*

*Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tiddikjara illi l-intimat huwa l-awtur tas-serq u jew misappropriazzjoni ta' scrap tad-deheb li sar minnu kif fuq imsemmi fl-ammont ta' €120,164 (mija u ghoxrin elf, mija u erbgha u sittin euro) ekwivalenti bir-rata ta' kambju ta' Ottubru 2004 ghal US$ 149,601 (mija u disgha u erbghin elf, u sitt mija u wiehed dollari ta' l-Istati Uniti tal-Amerika,) bhala valur ta' 10.58 kilogrammi ta' scrap ta' deheb fid-data tas-serq u jew misappropriazzjoni jew fl-ammont iehor verjuri li jigi stability minn din il-Qorti;*

*2. Tiddikjara illi l-intimat huwa responsabbli tad-danni kollha li sofriet is-socjeta' rikorrenti mhabba l-imsemmi serq u jew misappropriazzjoni ta' scrap tad-deheb li sar minnu kif fuq imsemmi fl-ammont ta' €120,164 (mija u ghoxrin elf, mija u erbgha u sittin euro) ekwivalenti bir-rata tal-kambju ta' Ottubru 2004 ghal US$ 149,601 mija u disgha u erbghin elf, sitt mija u wiehed dollar ital-Istati Uniti tal-Amerika) bhala valur ta' 10.58 kilogrammi ta' scrap ta' deheb fid-data ta' serq u jew misappropriazzjoni jew f'ammont iehor verjuri li jigi stabbilit minn din il-Qorti;*

*3. Tillikwida d-danni soferti mis-socjeta' attrici risultanti mill-imsemmi serq u jew misappropriazzjoni fl-ammont ta' €120,164 (mija u ghoxrin elf, mija u erbgha u sittin euro) ekwivalenti bir-rata tal-kambju ta' Ottubru 2004 ghal US$ 149,601 (mija u disgha u erbghin elf, sitt mija u wiehed dollari ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika) bhala valur ta' 10.58 kilogrammi ta' scrap ta' deheb fid-data tas-serq u jew misappropriazzjoni jew fl-ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn din il-Qorti jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominati minn din il-Qorti;*

*4. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' €120,164 (mija u ghoxrin elf, mija u erbgha u sittin euro) ekwivalenti bir-rata tal-kambju ta' Ottubru 2004 ghal US$ 149,601 (mija u disgha u erbghin elf, sitt mija u wiehed dollari ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika) bhala valur ta' 10.58 kilogrammi ta' scrap ta' deheb fid-data ta' serq u jew misappropriazzjoni jew ammont iehor verjuri li jigi deciz minn din il-Qorti.*

Fit-twegiba guramentata l-konvenut qal:-

*1. Illi t-talbiet attrici huma altament ezagerati fl-ammont mitlub u ghalhekk, kif redatti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*2. Illi fil-fatt l-esponenti jammetti t-talbiet attrici imam biss u limitatament ghall-fatt illi kellu fil-pussess tieghu biss u b'kollox mhux aktar minn wiehed punt hamsa kilogrammi (1.5kg) ta' deheb u xejn izjed, u, kif diga' diversi drabi spjega lir-rapprezentanti tal-attrici, huwa lest illi jirritorna l-ammont ekwivalenti lill-istess attrici, ghalhekk, ma kienx hemm bzonn ta' din il-kawza illi hija intempestiva;*

*3. Illi dwar il-bqija tat-talbiet attrici, u cioe' l-erba' talbiet attrici f'dak li ghandu x'jaqsam mal-ammonti l-ohra mhux ammessi hawn fuq, il-konvenut jichad bil-qawwi u ghal kollox dawn it-talbiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex huwa ma ghandu ebda responsabilita' hlief ghall-wiehed punt hamsa kilogrammi (1.5kg) imsemmija aktar 'il fuq, u huwa ma ghandu x'jaqsam ma' ebda deheb iehor.*

**Kwistjoni**.

Il-kaz jitratta dwar serq ta' deheb mill-konvenut fil-perjodu Jannar 2002 sa Settembru 2004. Deheb li kien jintuza bhala materja prima fil-fabbrika SGS. Id-deheb li kien qieghed jinsteraq kienu fdalijiet tad-deheb (scrap gold). Il-konvenut kien impjegat tal-kumpannija attrici u kien jokkupa l-kariga ta' Manager, responsabbli ghal linji ta' produzzjoni maghrufa bhala PBGA Lines u TQFP Optical Lines.

M'hemmx kontestazzjoni li s-serq twettaq. Fit-twegiba guramentata l-konvenut qal (fol. 76):-

*"Illi fil-fatt l-esponenti jammetti t-talbiet attrici imma biss u limitatament ghall-fatt illi kellu fil-pussess tieghu biss u b'kollox mhux aktar minn wiehed punt hamsa kilogrammi (1.5kg) ta' deheb u xejn izjed, u, kif diga' diversi drabi spjega lir-rapprezentanti tal-attrici, huwa lest illi jirritorna l-ammont ekwivalenti lill-istess attrici, ghalhekk, ma kienx hemm bzonn ta' din il-kawza illi hija intempestiva".*

Ittiehdu wkoll proceduri kriminali kontra l-konvenut, u fuq ammissjoni nstab hati ta' serq (ara sentenza **Il-Pulizija vs Daniel Mercieca**, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, 29 ta' Ottubru 2009).

Il-kontestazzjoni hi dwar il-kwantita' ta' deheb li seraq il-konvenut. L-attrici ssostni li fil-perjodu bejn Jannar 2002 sa Settembru 2004 seraq 10.58 kilogrammi deheb b'valur ta' €120,164. Meta l-konvenut ta stqarrija lill-pulizija qal li seraq deheb xi 10 darbiet f'intervalli ta' madwar 6 gimghat kull darba.

**Konsiderazzjonijiet**.

Il-pretensjoni tal-kumpannija attrici kif proposta fir-rikors guramentat hi bazata fuq rapport li sar mid-ditta KPMG AG, Zurich (fol. 11) li nghatat l-inkarigu biex tinvestiga u tirrapporta dwar il-volum ta' deheb li nsteraq. Il-konkluzjoni hi li nsterqu 10.58 kilogrammi fdalijiet ta' gold wire li jintuza bhala materja prima fil-prodotti li timmanifattura l-kumpannija attrici. Rapport li hu bazat fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

i. Fit-tlett xhur minn Ottubru sa Dicembru 2004, gew ritornati 1.71 kilogrammi deheb. Perjodu li fih it-Taqsima kien responsabbli ghaliha Ivan Ellul;
ii. Il-kalkoli li saru huma bazati fuq baseline ta' 1.71 kilogrammi fuq perjodu ta' tlett xhur. Imbaghad gie kkalkolat l-ammont ta' scrap gold li suppost gie ritornat mill-konvenut fil-perjodu bejn Jannar 2002 sa Settembru 2004 (ara Appendix 1 tar-rapport – *Effective vs Assumed gold scrap return of Mr Daniel Mercieca*), mehud in konsiderazzjoni il-volum ta' produzzjoni. Ghalhekk per ezempju, fl-ahhar tlett xhur il-produzzjoni kienet ta' 13,386,828 u gew ritornati 1.71kg. Fl-ewwel tlett xhur tas-sena 2002 il-produzzjoni kienet 4,888,362 u jirrizulta li gew ritornati 0.06kg deheb. Skond il-kalkoli tal-awturi tar-rapport, f'dan il-perjodu suppost gew ritornati 0.62kg[1]. Ghalhekk hemm diskrepanza ta' 0.57kg.
iii. Fil-perjodu Ottubru-Dicembru 2004 il-process ta' produzzjoni kien l-istess bhal fil-perjodu li dwaru saret l-investigazzjoni;
iv. Minn dak li qalu mpjegati li kienu jahdmu fit-Taqsima li l-konvenut kien responsabbli ghaliha, kienu kull gimgha jatuh *".... 2 gold wire spools (between 2 to 4 kilometres of gold wire which reflect approximately 70 grams per week in average)*". L-awturi tar-rapport ikkalkolaw li a bazi ta' dan it-taghrif kien jidher li mill-PBGA lines kienu gew ritornati 7 kilogrammi ghall-perjodu 2002 sa Settembru 2004. Komplew ighidu: *"we note that accordingly (together with the missing gold scrap returns from the Optical Line, which volume wise form approximately 1/3 of the total production; assuming all other conditions are equal) a rough estimate of approximately 10 kilograms can be calculated based on the gold wire returns that were furnished to Mr Mercieca by the production staff"*.
v. Il-prezz ghall-bejgh ta' scrap gold f'Ottubru 2004 kien ta' US $14,140;

B'riferenza ghat-tieni eccezzjoni l-qorti tirrileva li l-azzjoni m'hijiex intempestiva. L-attrici kienet qeghda ssostni li l-konvenut seraq deheb b'valur ta' €120,164. Il-konvenut ikkontesta din il-pretensjoni. L-attrici ma kellhiex triq ohra ghajr li tipproponi azzjoni. Dan irrispettivament ghandhiex ragun jew le. Dan apparti li m'hemmx prova li l-konvenut iddepozita fil-qorti l-ammont ta' flus li fil-fehma tieghu huma dovuti lill-kumpannija attrici.

[1] 4,888,362 x 1.7kg/13,386,828 = 0.62kg scrap gold li suppost gew ritornati.

Wara li l-qorti rat l-atti u semghet ukoll provi, tosserva:-

1. Bil-procedura li addotta l-konvenut innifsu bhala l-kap tat-Taqsima, assuma r-responsabbilta' li jirritorna lura l-gold scrap. M'hemmx dubju li l-konvenut kien fiducjarju tal-kumpannija attrici u kellu d-dmir li jhares l-interess tal-kumpannija attrici.

2. F'email datata 10 ta' Novembru 2008, Tonio Portughese[2] ikkummenta hekk dwar dak li kien jidher li hu abbozz tar-rapport:-

   *"After reviewing the report, we have some observations regarding estimated quantum which we would like to bring to your notice:*

   A. *Mr Jesmond Azzopardi confirmed in writing that he provided to Mr Mercieca 2 gold wire spools per month and not per week as stated in the report p. 15 (original mail by Jesmond Azzopardi sent to Philippe Zammit dated 18/8/2008); today he confirmed with all of us his input;*
   B. *Mr Ivan Ellul with reference to page 15 second paragraph (quote: that the production process in Q4 2004 was reasonably the same as the previous years"), the information we have is that when Mr Ellul took over the BGA Line he was faced with a severe problem due to change in goldwire which was not representantive of the past"*

   Dawn il-punti ma jissemmewx fir-rapport. Jesmond Azzopardi stess xehed li ma kienx gie intervistat. Fir-rigward ta' dawn il-punti l-qorti tosserva hekk:-

   (a) Il-verzjoni ta' Jesmond Azzopardi[3] ma tistax tigi accettata meta tqies li jekk wiehed jaghmel kalkoli fuq 2 jew 3 spools kull xahar, kif qal ix-xhud, fil-perjodu Jannar 2002 sa Settembru 2004 ma kienx hemm iktar minn 900 gramm fdalijiet ta' deheb. Dan meta tqies li Ivan Ellul xehed li l-piz ta' spool tad-deheb li kienet tintuza fuq il-linja TQFP kien ta' 26.5 grammi (fol. 486) filwaqt li l-piz ta' spool tad-deheb li kienet tintuza fuq il-linja PBGA kien ta' 10.43 grammi (fol. 127). Jekk dak li qal Azzopardi hu l-verita', mela il-konvenut ma seraq xejn meqjus il-volum ta' deheb li gie ritornat f'dan il-perjodu mill-konvenut (ara fol. 18)[4]. Dan meta l-konvenut stess ammetta li seraq b'1.50kg deheb. Ukoll meta xehed *viva voce*, il-qorti

[2] Ufficjal tal-kumpannija attrici responsabbli mill-amministrazzjoni tad-dipartiment tal-Human Resources.

[3] Azzopardi, fl-istqarrija li ghamel mal-pulizija, mistqosi *"Bhala spools damaged kem kien ikun hemm minnhom ?", wiegeb: "Kien ikun hemm kull xahar. Dawk li ma humiex rikuperabbli mill-inginiera kienu jkunu bejn 2 jew 3 kull xahar. Nispjega li nkejjel daqs li kieku rukkell mimli u mhux parti minnu uzata"* (fol. 183). F'email datata 18 ta' Awissu 2008 li baghat lil Philippe Zammit (fol. 186) qallu: ***"Defective gold spools returns used to amount to around 2 to 3 spools per month"***.

[4] F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li f'email mibghuta minn Philippe Zammit (financial controller tal-kumpannija attrici) lill-konvenut, fil-perjodu in kwistjoni kien gie ritornat gold scrap b'piz ta' 1.92kg (fol. 459). Ghalhekk hemm differenza ta' 240 gramm bejn ic-cifra li tissemma fl-email ta' Zammit u 1.68kg deheb li jissemma fir-rapport ta' KPMG (fol. 18).

fehemet li x-xhud ma kienx involut fil-fdalijiet tad-deheb. Fil-fatt qal: *"Fl-istampa tar-return tad-deheb, din ma kontx nidhol fiha"* (fol. 646).

(b) Ivan Ellul xehed li fl-ahhar tlett xhur tas-sena 2004 id-deheb li kien jintuza: *"…. Kien bhal dak ta' zmien meta kien hemm Daniel Mercieca responsabbli mill-linji"* (fol. 127). Fatt li rega' kkonferma fil-kontro-ezami (fol. 491). Fatt konfermat ukoll mill-bar graphs li pprezenta mal-affidavit tal-4 ta' Marzu 2010 (ara fol. 128-129), minn fejn jidher li matul is-snin 2003 u 2004 intuza deheb tal-istess tip. Ghalhekk jidher li l-kumment ta' Portughese fl-email tal-10 ta' Novembru 2008 ma kienx korrett. Skond l-istess xhud it-tibdil fil-gold wire sar fis-sena 2005.

3. Duncan Bondin, xhud tal-attrici qal li l-konvenut kien jinghata gold scrap kuljum. Spjega kif kien jaghti lil Mercieca bocca tad-deheb b'dijametru ta' cirka daqs ta' €1 (ara ritratt fol. 134). Hekk ukoll Nicolette Ellul qalet li bejn is-sena 2002 – 2004 kienet tahdem bhala material server fit-Taqsima li kien imexxi l-konvenut. Spjegat li *"Tista' tghid li konna naghtu bocci tal-iscrap tad-deheb lil Daniel Mercieca kwazi kuljum, ghax ma konniex irridu li dan jibqa' f'idejna. Nikkalkula li bhala average konna naghtuh bocca wahda tad-deheb kuljum li d-dijametru taghha kien ikun ghal dak tal-munita Euro kif jidher mir-ritratt anness mal-affidavit tieghi"* (fol. 131). Verzjoni li regghet irrepetiet fil-kontro-ezami (fol. 530-538). Marica Buhagiar xehedet li matul is-snin 2002-2004 kienet tahdem fuq il-linja TQFP matul is-snin 2002-2004 u lill-konvenut *"…. Kont naghtih zibga tad-deheb wahda, ukoll darba fil-gimgha. Din iz-zibga tad-deheb kienet tkun kbira daqs dik li tidher fir-ritratt anness mal-affidiavit tieghi"* (fol. 135) [ritratt a fol. 136, b'dijametru ta' centimetru].

Skond ma xehed Philippe Zammit, il-bocca tad-deheb mil-linja PBGA kienet tizen 15.2 grammi (fol. 480), filwaqt li dik tal-linja TQFP kellha piz ta' 1.8 grammi (konfermat ukoll minn Ivan Ellul, fol. 486 li ghamel l-ezercizzju). Prova li ma gietx kontradetta minn provi tal-konvenut.

4. Il-konvenut kemm fl-istqarrijiet li ta lill-pulizija u meta xehed quddiem il-qorti baqa' jsostni li b'kollox seraq mhux iktar minn 1.5 kg ta' deheb.

Fir-rapport tal-investigaturi jinghad:-

*"According to Mr Mercieca he had misappropriated a lot less gold scrap. He did however not weigh it, but based on his judgment it was approximately 150 grams per month (hence a total of approximately 3 kilograms in the 2 years period from September 2002 until September 2004)"* (fol. 15).

F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li ma jistax ikun li l-konvenut ammetta mal-investigaturi li seraq 150gr deheb fuq perjodu ta' sentejn, ghaliex fl-istess rapport jinghad li: *"He started taking gold scrap with him home in the last*

***1½ years** when he was responsible for the PBGA – and Optical Lines"* (fol. 13).

Il-problema li tezisti f'dan il-kaz hi li ma kienx qieghed jinzamm record ta' gold scrap li l-konvenut kien jinghata mill-material servers. Fil-fehma tal-qorti persuna li tokkupa kariga gholja bhall-konvenut kellu jzomm tali taghrif baziku. Wara kollox il-materja prima kien deheb u mhux oggett bla valur. Ghalkemm il-konvenut xehed li kien izomm record tad-deheb li kien jirritorna fl-istore, f'dan ir-rigward ma ta l-ebda taghrif.

Skond ir-records tal-attrici[5], fil-perjodu Jannar 2002 sa Settembru 2004 gew ritornati:-

- 2002 – 749.20 grammi;
- 2003 – xejn;
- 2004 – 1170.9 grammi;

**Total ta' 1.921 kg gold scrap**.

Hu fatt li meta tipparaguna dan l-ammont (li mieghu jrid jizdied 1.5kg li l-konvenut ammetta li seraq) mal-piz ta' deheb ritornat fl-ahhar tlett xhur tas-sena 2004 (1.71kg), *prima facie* hemm xamma qawwija li kien qieghed jigri xi haga hazina, meta tqies li fiz-zewg perjodi:-

(a) Il-process tal-produzzjoni baqa' l-istess;
(b) Intuza l-istess tip ta' deheb;

Sa hawn ir-rapport jikkonvinci. Pero' fil-kalkoli li ghamlu (ara Appendici 1 tar-rapport) hu evidenti li ma kkunsidrawx il-volum ta' deheb li ntuza f'kull wiehed mill-perjodi. Fir-rapport jinghad:-

*"Based on the **actual production volumes of the production lines that were under responsibility of Mr Daniel Mercieca**, we have calculated the missing gold scrap returns at approximately 10.58 kilogram"* (enfazi mizjuda).

David Fidan, wiehed mill-awturi tar-rapport, meta xehed ikkonferma:

*".... and this 10.6 kilos is our best estimate of what is missing based on the accounting records of the production volumes benchmarked extrapolated on the*

[5] Email datata 19 ta' Ottubru 2004.

*basis of Q4 2004 data which we understood is a reliable benchmark for a similar production in the time which Mr Mercieca was responsible"* (fol. 249).

Il-qorti ma tarax kif tista' taghmel analizi xjentifika jekk fil-kalkoli ma tikkunsidrax il-volum ta' deheb li ntuza f'kull perjodu ta' tlett xhur minn Jannar 2002 sa Settembru 2004. Fid-dokumenti li pprezentat l-attrici hemm dikjarat il-volum ta' gold wire li ntuza matul is-snin 2002 sa 2004 (ara fol. 61-71). Pero' l-awturi tar-rapport ma kkummentaw xejn dwaru. M'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti li taghmel analizi tac-cifri dikjarati f'dan ir-rigward. Il-qorti ser tillimita ruhha biex tghid x'jirrizulta mill-istatistika fl-ahhar sitt xhur tas-sena 2004:

Q3 2004 – Volum ta' produzzjoni 13,598,042

Volum ta' konsum 13,343,000

Q4 2004 – Volum ta' produzzjoni 13,386,828

Volum ta' konsum 13,649,000

Statistika li turi li fl-ahhar tlett xhur tas-sena 2004 intuza iktar gold wire mill-perjodu Gunju 2004-Settembru 2004 u minkejja dan il-volum ta' produzzjoni kien inqas.

Il-qorti kienet tistenna li din l-analizi ssir minn KPMG. Fl-appendici tar-rapport (A1.1-A4.3) m'hemmx statistika dwar il-volum ta' gold wire li gie kkunsmat. Dan ikompli jsahhah il-fehma tal-qorti kemm l-awturi tar-rapport ma kkunsidrawx il-volum ta' gold wire kkunsmat kull tlett xhur. Jekk ikkunsidrawh dan seta' kien biss a bazi ta' dak li qalilhom xi ufficjal tal-kumpannija attrici u mhux verifiki li ghamlu mill-istatistika li nghatatilhom. Jekk hu hekk, dan idghajjef ir-rapport.

Fatturi ohra li l-qorti tqies rilevanti huma:-

- Hu evidenti li l-awturi tar-rapport m'humiex nies teknici li jifhmu fil-produzzjoni li kienet qeghda ssir fit-Taqsima li dwarha saret l-investigazzjoni. Per ezempju l-konvenut spjega kif fit-Taqsima kien hemm impjegati li xogholhom kien li jaraw kif jaghmlu s-sistema iktar efficjenti biex kemm jista' jkun iziedu l-produzzjoni u jkun hemm inqas gold scrap. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-produzzjoni PBGA 27x27 tas-snin 2002

u 2003 (fol. 62) fejn jidher li fis-sena 2003 ghalkemm il-konsum kien inqas mis-sena 2002, il-produzzjoni zdiedet.
- Mir-rapport ma jidhirx li l-awturi tar-rapport investigaw jekk bejn Jannar 2002 sa Settembru 2004 kienx hemm l-istess numru ta' magni u impjegati li jahdmu fit-Taqsima li kien responsabbli ghaliha l-konvenut.
- Hu evidenti li l-awturi tar-rapport ma rawx jekk it-taghrif li nghataw fil-kors tal-investigazzjoni kienx minnu jew le u anzi qaghdu fuq dak li qalulhom ufficjali tal-kumpannija attrici.
- Minn Appendici 1 mehmuz mar-rapport jidher li fis-sena 2002 ma kenitx tezisti s-sistema TQFP 7 x 7.

Tonio Portughese xehed li l-kumpannija attrici *"... qieghda tibbaza l-claims taghha fuq il-konkluzjonijiet ta' dan ir-rapport rigwardanti dani sofferti minnha u qieghda tfittex lil Daniel Mercieca ghall-ammont fuq imsemmi ta' €120,164 oltre l-imghaxijiet relattivi"* (fol. 119). Madankollu mehud in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq il-qorti ma tistax taccetta l-konkluzjoni tar-rapport bhala prova li tikkonvinci lill-qorti li l-konvenut seraq dak il-volum kollu ta' deheb.

Il-qorti taghmel ukoll riferenza ghall-istqarrija ta' Ivan Ellul lill-pulizija:

*"D. Spjegajtilna li f'din il-linja tuzaw hajt tad-deheb. Tista' tispjegalna x'sistema inti dahhalt meta jkun hemm scraps jew damages ta' dan il-hajt tad-deheb ?*

*T.* ***Il-procedura li sibt qabel jien l-hajt kien jigi maqtugh minn fuq l-ispool u kien isir forma ta' ballun u jigi rritornat fl-istore. Bhala procedura li ghamilt jien hi li l-ispools jigu mizunin u jigu rritornati lis-supplier u ta' dan jaghtina credit fejn bih ahna nistghu niehdu spools tajbin****"* (fol. 418).

Kliem li jaghti lill-qorti x'tifhem li kuntrarjament ghall-impressjoni li tat l-attrici, dan m'huwiex kaz ta' *like with like*.

Fir-rigward ta' dak li xehedu Duncan Bondin u Nicolette Ellul, il-qorti tosserva:-

i. Fl-ebda parti tar-rapport ta' KPMG Zurich ma jinghad li kienu ntervistaw xi nies li qalulhom li kuljum kienu jaghtu lill-konvenut il-volum ta' deheb li semmew dawn iz-zewg xhieda. Fir-rapport jinghad: *"We furthermore learned that Mr Mercieca was provided by production staff under his supervision* ***on a weekly basis with gold wire which reflect approximately 70 grams per week in average****)"* (fol. 15).

Jekk wiehed kellu jemmen il-verzjoni li taw dawn ix-xhieda u bazat fuq it-taghrif li ta Ivan Ellul dwar kemm tizen il-bocca deheb li tidher fir-ritratt a fol. 132, ikun ifisser li l-konvenut kien qieghed jinghata bejn wiehed u iehor **106.4 grammi deheb fil-gimgha**. Skond il-kalkoli li ghamel Philippe Zammit, bazati fuq taghrif li taw dawn iz-zewg xhieda, il-konvenut inghata total ta' 15.215kg fil-perjodu in ezami (fol. 483). Cifra li ma tinkludiex gold scrap mil-linja TQFP. Min-naha l-ohra fir-rapport issemmew 70 gramma fil-gimgha, li jfissru 10kg deheb bazat fuq it-taghrif li l-investigaturi gabru dwar il-volum ta' deheb li l-konvenut kien jigbor minghand l-impjegati. Il-qorti tifhem li dawn kienu nies li gew intervistati mill-awturi tar-rapport ta' KPMG. Il-qorti ma tistax ma tinnotax din id-diskrepanza bejn dak li nghad fir-rapport u li xehedu Ellul u Bondin.

ii. Ma tarax kif dak li qalu dawn ix-xhieda hu possibbli meta fil-perjodu in ezami [Jannar 2002 sa Settembru 2004] il-volum ta' produzzjoni u konsum ta' deheb kien ivarja daqstant (ara Appendici 1 tar-rapport ghal taghrif dwar volum ta' produzzjoni u dokumenti a fol. 61-71). Il-qorti tifhem li iktar ma tuza gold wire iktar ser ikollok gold scrap. Madankollu skond il-verzjoni li taw Ellul u Bondin il-konvenut dejjem kien qieghed jinghata dak il-volum ta' deheb, cjoe' 106.40 grammi deheb. Il-qorti ma tarax kif dan hu possibbli wara li ezaminat l-istatisika tal-produzzjoni u konsum li pprezentat il-kumpannija attrici. Hekk per ezempju fuq il-linja PBGA 35x35, linja li l-qorti fehemet li Ellul u Bondin kellhom x'jaqsmu maghha, matul is-sena 2002 il-volum ta' produzzjoni kien ta' 1,238,024 filwaqt li fis-sena 2003 il-produzzjoni kienet 11,003,011 u fis-sena 2004 12,828,702 (ara Appendici 1 mehmuz mar-rapport ta' KPMG, fol. 18). Minn din l-istatisika l-qorti mhi konvinta xejn li l-affarijiet graw bil-mod kategoriku li bih xehedu dawn l-impjegati u m'hijiex komda tistrieh fuq din il-verzjoni biex tistabilixxi l-hlas li hu dovut lill-kumpannija attrici.

Fic-cirkostanzi l-qorti ser tiskarta din il-verzjoni ghaliex tqiesha bhala mhux affidabbli.

Jibqa' l-verzjoni tal-konvenut, fir-rigward ta' liema l-qorti tosserva li:-

(i) Il-konvenut ammetta li seraq deheb f'perjodu ta' sena u nofs. Fatt li jissemma fir-rapport ta' KPMG: *"He started taking gold scrap with him home in the last 1½ years when he was responsible for the PBGA-and Optical Lines"* (fol. 13). Fatt konfermat minn Thierry Coquillat, security

site manager tal-fabbrika, li kkonferma li kien prezenti meta saru l-intervisti lill-konvenut (fol. 112)[6].

(ii) Fir-rapport jinghad li l-konvenut kien jiehu cirka 150 grammi deheb **kull xahar**. Mid-deposizzjoni ta' David Fidan, wiehed mill-awturi tar-rapport, jidher li dan it-taghrif inghata lilhom minn Thierry Coquillat li qal li wara l-intervisti l-konvenut kien qallu li: *"… that the sales to this shop amounted to 150 grammes of gold scrap* ***every month to 6 weeks****"* (fol. 112). Ix-xhud ma semmiex li l-konvenut qallu li kien hemm iktar minn ghaxra sa hdax-il darba li seraq deheb. Fatt li ssemma ghall-ewwel darba fl-istqarrija li l-konvenut ta lill-pulizija.

Meqjus dak li nghad hawn fuq il-qorti tista' biss taghmel stima tal-ammont ta' deheb li ttiehed mill-konvenut. Il-konkluzjoni tal-qorti hi li f'perjodu ta' tmienja u sebghin (78) gimgha l-konvenut ha 3kg deheb, li jfissru US$42,420[7], li fis-sena 2004 kellhom valur ta' **€34,161.88[8]**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni.**
2. **Dwar it-tieni eccezzjoni tiddikjara li ghalkemm il-konvenut ammetta li seraq mhux iktar minn 1.5 kg deheb, il-konkluzjoni tal-qorti hi li seraq iktar. Inoltre tichad l-eccezzjoni in kwantu l-konvenut iddikjara li l-azzjoni hi intempestiva.**
3. **Tichad it-tielet eccezzjoni ghal dak li jikkoncerna tlett kilogrammi (3kg) deheb li hu l-ammont ta' deheb li l-qorti tistabilixxi li nsteraq mill-konvenut.**
4. **Tilqa' t-talbiet tal-kumpannija attrici limitatament fir-rigward ta' tlett kilogrammi (3kg) deheb b'valur ta' erba' u tletin elf mija u wiehed u sittin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€34,161.88), u tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma.**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 60% a karigu tal-konvenut meqjus li kien l-agir illegali tieghu li wassal ghal dan il-kaz u kien qieghed isostni li seraq inqas deheb minn dak stabbilit mill-qorti, u 40% a karigu tal-kumpannija attrici peress li kienet qeghda titlob hlas ta' ammont ferm iktar minn dak stabbilit mill-qorti. Bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali numru 1676/2009 tad-29 ta' April 2009.**

[6] Fatt konfermat ukoll minn David Fidan (fol. 216).
[7] Bazat fuq prezz ta' US $14,140 kilo fis-sena, valur li ma giex kontestat.
[8] Fit-30 ta' Settembru 2004 1 Ewro = US $1.241735.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------